**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**
***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

## GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR L-ERBGHA 12 TA' GUNJU, 2002**

**Numru:14**

**Avviz Nru: 1126/01AE**

**James Magri**

**Vs**

**Maria Concetta Briffa**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta' sebgha mija u wiehed u erbghin lira Maltija u tmienja u sittin centezmu (Lm741.68), hsarat sofferti f'incident tat-traffiku li sehh fis-7 ta' Mejju 2001 fi Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex, tort unikament tal-konvenuta.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata naqset milli tikkontesta l-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u milli tidher ghas-seduti li saru.

Ra n-nota ta' ammissjoni li giet prezentata mill-konvenuta waqt is-seduta tal-lum.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' sebgha mija u wiehed u erbghin lira Maltija u tmienja u sittin centezmu (Lm741.68).

L-ispejjez kollha (inkluzi d-drittijiet legali) huma ghak-karigu tal-konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**